



0037/2016

11.4.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rikonoxximent tal-obeżità bħala marda kronika

**Alfred Sant (S&D), Enrico Gasbarra (S&D), Marc Tarabella (S&D),
Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Patricija Šulin (PPE), Giovanni La Via
(PPE), Tomáš Zdechovský (PPE), Ivan Jakovčić (ALDE), Edward Czesak
(ECR), Ángela Vallina (GUE/NGL)**

Data ta' skadenza: 11.7.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar ir-rikonoxximent tal-obeżità bħala marda kronika¹

1. B'mod allarmanti, hu mbassar li sal-2030 aktar minn 50% tal-Ewropej se jkunu obeżi. F'xi pajjiżi n-numru ta' dawk il-persuni b'piż żejjed jew obeżi jista' saħansitra jaqbeż id-90%.
2. Hu stmat li l-obeżità diġà tiswa lill-Unjoni Ewropea EUR 70 biljun fis-sena fi spejjeż ta' kura tas-saħħa u minħabba telf ta' produttività. In-nefqa totali aktarx li saħansitra tkun oġhla peress li l-obeżità tikkawża ħafna tipi ta' mard ieħor, fosthom id-djabeto Type 2, mard kardjovaskolari u ċerti tipi ta' kanċer.
3. Il-prevenzjoni u trattament aħjar tal-obeżità jwasslu għal iffrankar tanġibbli għas-sistema tal-kura tas-saħħa, kif ukoll jgħinu biex inaqqsu t-tbatija għall-miljuni milquta mill-marda.
4. L-obeżità hi kumplessa u hi kkawżata minn fatturi differenti, inklużi dinamiċi mediċi, kulturali u soċjoekonomiċi. F'dan il-każ, hemm bżonn urġenti li l-obeżità tiġi rikonoxxuta bħala marda sabiex tkun żgurata l-mobilizzazzjoni mtejba tar-riżorsi f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni, it-trattament u l-kura tal-marda.
5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill, għaldaqstant huma mitluba jaħdmu favur rikonoxximent armonizzat tal-obeżità madwar l-Ewropa kollha bħala marda kronika.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.